MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Numru 241/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**

v

**RAYMOND GERADA**

**Seduta ta’ llum 16 ta’ Novembru 2005.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND GERADA** ta' tlieta w erbghin sena bin Grazio u Concetta nee Bartolo, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta’ Lulju 1962 u residenti ‘Lloret de Mar’, Flat 4, Triq il-Fossili, B’Bugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 421262M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005, u fil-jiem ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persunmi ghal persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr me kienawtorizzat bir-pregoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [G.N. 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-president ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kelllu licenzja li jipprokura l-istess droga kif provdut fir-regolament erbgha [4] tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f'cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. Talli fl-isess lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal tal-Habs, jew persuna mpjegata fil-Habs, minghajr l-awtorita legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f’xi parti tal-konfini ta’ Habs, medicina [Eroina] li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi;

d. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga tieghu jew impjieg tieghu, talab jew ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigali jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor, jew ta’xi vantagg iehor li ghalihom m’ghandux jedd.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika wkoll l-artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 7 tal-atti u l-kunsens tal-Avukat Generali esibit a fol 6 tal-atti processwali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 [fol 8]u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2005 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta ta' nhar t-tnejn ta'Novembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi dakinhar stess tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 d-difiza talbet lil Qorti sabiex jithejja *pre sentencing inquiry report* fil-konfront tal-imputat u ghalhekk b'digriet taghha ta' dakinhar stess hija nnominat lis-Senior Probation Officer Mariella Camilleri ghal dan l-ghan u appuntu sabiex titfa dawl kif l-Qorti ghandha tittratta mal-imputat.

Illi **nhar l-hamsa ta' Settembru 2005 xehed PS 1404 Anthony Cutajar** [fol 108] u qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien organizza sabiex isiru searches fuq Ufficjali tal-Habs huma w dehlin ghax-xoghol u kienu bdew fis-sitta ta' filghodu. Qal li ghall-habta tas-sitta w ghoxrin ta' filghodu gie CO 36 Raymond Gerada w innota lil PC 1559 Charles Muscat u lil CO 110 John Callus jaghmlu strip search fuq l-istess c-CO 36 Raymond Gerada. Hu dahal fil-cubicle fejn kienet qed issir din l-istrip search u PC 1559 Charles Muscat qallu li bilfors kellu jaqbdu ghaliex beda jirtghod u minnufih induna li kellu xi haga. Qal li fil-fatt l-imputat kellu sachet tal-plastic bi trab kannella fih. Qal li hu staqsa lil imputat x'kien l-oggett pero hu ma rrisponda xejn. Qal li qallu li kelllu suspett li setghet kienet droga u hadu mieghu sabiex javza lil awtoritajiet dwar din is-sejba u cempel lid-Direttur tal-Habs, l-Ghasa ta' Rahal Gdid u lid-drug squad u bdiet l-investigazzjoni. Qal li fil-frattemp zamm lil imputat mieghu sabiex ma jikkomunika ma hadd.

Illi **nhar l-hamsa ta' Settembru 2005 xehed PC 1559 Charles Muscat** [fol 110] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005 kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jaghmel search fuq l-Ufficjali tal-Habs kif ikunu dehlin ghax-xoghol. Qal li kif dahal l-imputat [li gharaf presenti fl-awla], ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghodu, qalulu biex jghamlulu strip search u waqt is-search l-imputat tah il-wallet tieghu u waqt li kien qed ifittex f'din il-wallet innota li l-imputat kien ecitat hafna u qal lil PS 1404 Anthony Cutajar li ma

kienx qed joghgbu u kif caqlaq il-wallet harget borza b'sustanza kannella allegatament droga. Staqsih x'kienet pero l-imputat ma wiegbu xejn u ghalhekk mill-ewwel informa lil PC Anthony Cutajar b'dan. Meta gie muri r-ritratt esibit minn PS 1336 Jesmond Micallef, ix-xhud ikkonferma li dak kien ritratt tas-sustanza li hu sab fil-wallet tal-imputat dakinhar.

Illi **nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 xehed CO 110 John Callus** [fol 115] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005, hu kien gie ordnat jaghmel searches filghodu kmieni waqt li n-nies ikunu dehlin ghax-xoghol fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin flimkien ma PC 1559 Charles Muscat. Qal li ftit wara li bdew is-searches gie l-imputat li gharaf presenti fl-awla u beda jaghmel strip search fuqu filwaqt li ufficjal iehor beda jfittex fil-portmoni tieghu. Qal li hin minnhom jaf li qala xi karti mill-wallet tal-imputat u mat-tieni darba waqqghet borza zghira li kien fiha xi trab suspettat li kien droga w ghalhekk infurma lis-superjuri tieghu b'dan.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-hamsa ta' Settembru 2005 xehdet Mariella Camilleri** [fol 91] w ippresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MC [fol 93]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputata trabba f'familja trankwilla fejn jidher li huwa nghata l-attenzjoni kollha necessarja. Waqt ckunitu, hu tghallem sengha relatata man-namra ghal karozzi. Gie deskritt bhala persuna b'qalba tajba u li ma jafx jghid le u li jiddeskrivi lil kulhadd bhala habib tieghu u li pjuttost jimxi mal-kurrent. Huwa fatt wkoll li ghal dawn l-ahhar snin, il-familja Gerada giet milquta minn diversi problemi finanzjarji u socjali.

Fil-present s-sitwazzjoni finanzjarja tal-familja Gerada hija wahda tant batuta li kellhom isiru diversi attentati minn Lino Gerada sabiex il-familja taghhom tkun tista tkompli thalls il-kera tal-appartament sakemm tinsab soluzzjoni li tirrikjedi anqas flus. Fil-fatt hija applikat ghal assistenza finanzjarja minghand l-Azzjoni Kattolika, filwaqt li applikat ghal akkomodazzjoni socjali. L-uniku dhul li ghandhom fil-

present hu dak tal-beneficcju socjali u hadd fid-dar ma hu ngaggat f'impjieg.

Fid-dawl tal-informazzjoni migbura fir-rapport taghha l-Ufficjal tal-Probation hija tal-fehma li piena ta' prigunerija hija wahda idonea meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Issuggeriet wkoll lil Qorti sabiex taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-opportunita li matul l-perjodu ta' prigunerija, huwa jibqa jigi mghejun jqatta l-hin tieghu b'mod posittiv billi jinghata l-permess ikompli jaghmel x-xoghol ta' manutenzjoni u tindif gewwa l-konfini tal-Habs anke waqt li jkun qieghed jiskonta s-sentenza tieghu u dan sabiex il-perjodu ta' kaercerazzjoni jkun perjodu mqassam f'hidma u riflessjoni.

Il-Qorti semghet lil partijiet jittrattaw l-kaz fid-dawl ta' liema piena ghandha tapplika l-Qorti.

Id-Difiza qed issostni li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex, kif jirrizulta mix-xhieda li ta l-imputat stess waqt l-inkjesta esibita fl-atti, huwa kixef is-sors minn fejn ottjena d-droga u ghal min kienet destinata, tant li anke gharaf lil din il-persuna fir-ritratti li gew murija lilu mill-Pulizija.

Id-Difiza iccitat wkoll sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Lulju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Neil Harrison] v Jason Dimech**, fejn f'dik s-sentenza l-imputat kien inghata piena ta' erbgha xhur prigunerija meta kien wkoll Ufficjal Pubbliku.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra, sostniet li l-piena ghandha tkun aktar severa minn dik moghtija fis-sentenza citata mid-difiza, ghaliex meta nghatat s-sentenza, l-piena massima li setgha jiehu l-allura imputat, kienet ta' hames, snin filwaqt li llum, hija ta' ghaxar snin. In oltre, l-ammont ta' droga li nstabet ghand l-imputat odjern, hija aktar, ghalkemm ftit aktar.

Il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni li l-piena f'dan il-kaz ghandha tkun aktar, ghaliex l-imputat messu jaf aktar milli

jdahhal d-droga l-habs meta appuntu xogholu hu proprju dak li jiehu hsieb l-habsin u jzommhom ‘l boghod mill-hajja kriminali u mhux ikompli jghinhom jikkommettu aktar reati.

Illum il-gurnata hawn mewga f’pajjizna ta’ droga diehla l-habs w ghalhekk fi zminijiet bhal dawn, il-Qorti trid toqghod attenta li taghti messagg lis-socjeta li mhux ser tittollera sitwazzjoni bhal din u zgur li trid li bniedem li jaghmel dan, ghandu jhallas ghal ghemilu.

Huwa veru li l-imputat ikkopera mal-Prosekuzzjoni, pero dan ifisserx li l-Qorti ghandha taghti il-piena fil-minimu taghha.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b) tal-Kap 101, l-artikolu 7(3) tal-Kap 206, l-artikoli 115(b)(c), 119 u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 40 u 120 tal-Kap 131 u l-artikolu 5(1) u 10(2) tal-Avviz Legali Numru 22 tas-sena 1985, **tiddikjara li qed issib lil imputat RAYMOND GERADA hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn [mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas z-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz]**.

**In oltre tordna l-interdizzjoni perpetwa tal-imputat ai termini tal-artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghalhekk ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza tal-kundanna ghal interdizzjoni generali perpetwa li ordnat fil-konfront tal-imputat, tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u ghalhekk tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi wkoll notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb li ssir il-pubblikazzjoni hekk ordnata.**

**Il-Qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ebda perit ma gie nominat fil-mori tal-kumpilazzjoni.**

**Il-Qorti qed tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtira d-dokument MNL 1 esibit fl-atti a fol 88 minn Godwin Sammut u jaghmel d-distruzzjoni tieghu a spejjes tal-imputat w ghalhekk tordna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mad-distruzzjoni ta' dan d-dokument fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellat.**
**Il-Qorti qed tilqa r-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation sabiex id-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ghandu jikkonsidra l-possibilita li l-imputat ikompli jahdem fil-konfini tal-istess Facilita Korrettiva ta' Kordin fuq xoghol ta' manutenzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------